

Brussell, 15 ta' Marzu 2022  
(OR. en)

7198/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0086(NLE)**

---

**FRONT 117  
COEST 225**

**PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 125 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Moldova

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 125 final.

Mehmuż: COM(2022) 125 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.3.2022  
COM(2022) 125 final

2022/0086 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Moldova**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Wieħed mill-kompiti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta huwa li tikkooopera ma' pajjiżi terzi fir-rigward l-oqsma koperti mir-Regolament dwar il-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (ir-Regolament (UE) 2019/1896) (ir-“Regolament”) “inkluż permezz tal-istazzjonament operazzjonali possibbli ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri f'pajjiżi terzi”.<sup>1</sup> Speċifikament, l-Aġenzija, bħala parti mill-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, hija biex tassigura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri<sup>2</sup>, li komponent minnha huwa l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma koperti mir-Regolament dwar il-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta “b'enfasi partikolari fuq pajjiżi terzi ġirien u fuq [...] pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu għall-immigrazzjoni illegali”.<sup>3</sup> L-Aġenzija tista' tikkooopera mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi kompetenti f'materji koperti mir-Regolament sal-punt meħtieġ biex ikunu mwettqa l-kompiti tagħha<sup>4</sup> u tista' twettaq azzjonijiet marbuta mal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fit-territorju ta' pajjiżi terzi soġġett għall-ftehim ta' dan il-pajjiżi terzi.

Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament, f'ċirkostanzi li jeħtieġu l-istazzjonament ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta f'pajjiżi terzi fejn il-membri tat-timijiet jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiżi terzi ikkonċernat. Tali ftehim dwar l-istatus għandu jkun ibbażat fuq il-mudell li l-Kummissjoni fasslet kif previst fl-Artikolu 76(1) tal-istess regolament. Il-Kummissjoni adottat din id-Deċiżjoni fil-21 ta' Diċembru 2021<sup>5</sup>.

Mill-11 ta' Marzu 2022, aktar minn 310 000 refuġjat daħlu fir-Repubblika tal-Moldova (“il-Moldova”) mill-Ukrajna wara l-invażjoni tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa fl-24 ta' Frar 2022. Fl-ewwel ġimagħtejn biss tal-gwerra, aktar minn żewġ miljun refuġjat - madwar 4 % tal-popolazzjoni tal-Ukrajna - fil-biċċa l-kbira ħarbu lejn il-Punent mill-forzi Russi li daħlu fil-pajjiżi<sup>6</sup>.

L-awtoritajiet Moldovani tal-ġestjoni tal-fruntieri għalhekk issa qed jiffaċċjaw l-isfidi doppji li jirregolaw l-influss u l-ħruġ sussegwenti ta' potenzjalment mijiet ta' eluf ta' refuġjati, inkluż il-monitoraġġ tal-kuntribandu tal-armi. Barra minn hekk, madwar 12 % tat-territorju tal-pajjiżi mhuwiex fil-kontroll tal-awtoritajiet tal-Moldova, inkluż porzjon kbir tal-fruntiera tal-Moldova mal-Ukrajna. Bi ftehim dwar l-istatus fis-seħħ, l-awtoritajiet tal-Moldova appoġġati mit-timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jkunu f'pożizzjoni ħafna aħjar biex jirrispondu malajr għall-isfidi attwali.

Il-proposta mehmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi fil-bażi ġuridika għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Moldova (“il-ftehim dwar l-istatus”) bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1-131.

<sup>2</sup> L-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

<sup>3</sup> L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

<sup>4</sup> L-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

<sup>5</sup> Komunikazzjoni COM(2021) 829 - Mudell ta' ftehim dwar l-istatus kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624

<sup>6</sup> <https://data2.unhcr.org/en/situations/ukraine>

Fl-14 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex tibda negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar ftehim dwar l-*istatus* mar-Repubblika tal-Moldova.

Il-Kummissjoni Ewropea, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-Moldova kellhom negozjati dwar il-ftehim dwar l-*istatus* fl-14 ta' Marzu 2022. Il-Ftehim dwar l-*istatus* ġie inizjalat mill-kapijiet tat-timijiet tan-negozjati.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-oġġettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu ntlaħqu u li l-ftehim dwar l-*istatus* hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-possibbiltà ta' skjerament urġenti tal-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fit-territorju tal-Moldova, fid-dawl tal-influss ta' refuġjati fil-Moldova mill-Ukrajna wara l-invażjoni tal-Federazzjoni Russa ta' dak il-pajjiż, jenħtieġ li l-ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju mal-iffirmar tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-Istati Membri ġew infurmati u kkonsultati fil-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill.

#### *Is-sitwazzjoni tal-pajjiżi assoċjati ta' Schengen*

Din il-proposta tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-fruntieri esterni. Madankollu, l-Unjoni ma għandha l-ebda setgħa li tikkonkludi ftehim dwar l-*istatus* mal-Moldova b'mod li jorbot lin-Norveġja, lill-Iżlanda, lill-Iżvizzera jew lil-Liechtenstein. Biex jiġi żgurat li l-gwardji tal-fruntiera u persunal rilevanti ieħor mibgħuta minn dawn il-pajjiżi lejn il-Moldova jibbenefikaw mill-istess *status* kif previst fil-ftehim dwar l-*istatus*, id-dikjarazzjonijiet konġunti mehmuża mal-ftehim dwar l-*istatus* jenħtieġ li jiddikjaraw ix-xewqa li jiġu konklużi ftehimiet simili bejn il-Moldova u kull wieħed minn dawn il-pajjiżi assoċjati.

Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi fi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE; għalhekk, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

#### • **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Arranġament ta' ħidma dwar l-istabbiliment ta' kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u s-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tar-Repubblika tal-Moldova ilu fis-seħħ mill-2008. Dan ġie konkluż skont ir-Regolament EBCG (European Border and Coast Guard) preċedenti, ir-Regolament (UE) 2016/1624 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta<sup>7</sup>. Dan jinkludi impenji ġenerali dwar l-iżvilupp tal-iskambju ta' informazzjoni u l-analiżi tar-riskju, it-taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki kif ukoll il-koordinazzjoni ta' ċerti miżuri operazzjonali konġunti u proġetti pilota fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda, ĠU L 251, 16.09.2019, p. 1.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-tisħiħ tal-kontrolli tul il-fruntieri tal-Moldova se jkollu impatt pożittiv fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk tar-Rumanija, kif ukoll il-fruntieri tar-Repubblika tal-Moldova nnifisha. Appoġġ fil-kontrolli fil-fruntiera mill-Missjoni ta' Assistenza tal-Fruntieri tal-Unjoni Ewropea lill-Ukrajna u lill-Moldova iżid, u jikkomplimenta l-assistenza provduta mit-timijiet ta' ġestjoni tal-fruntiera. Barra minn hekk, il-konklużjoni ta' ftehim dwar l-*istatus* torbot mal-oġġettivi u l-prijoritajiet usa' għall-kooperazzjoni u l-ħidma lejn il-kisba tal-oġġettivi ta' assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika kif stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, u r-Repubblika tal-Moldova. Kooperazzjoni msaħħa fil-ġestjoni tal-fruntieri tkun ukoll komplementari għall-oġġettivi ta' politika fit-tul tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020, kif spjegat fid-dettall fil-Komunikazzjoni Konġunta ta' Marzu 2020 d-Dokument ta' Ħidma Konġunta tal-Persunal ta' Lulju 2021, u li kien approvat fis-Sitt Summit ta' Sħubija tal-Lvant fl-2021.

Il-konklużjoni ta' ftehim dwar l-*istatus* tista' wkoll tappoġġa l-isforzi u l-impenji usa' tal-Unjoni Ewropea biex tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet biex tikkontribwixxi għall-immaniġġar ta' rispons għall-kriżijiet u tippromwovi l-konverġenza dwar kwistjonijiet barranin u ta' sigurtà bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-Artikolu 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(5) TFUE.

Il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea li tikkonkludi ftehim dwar l-*istatus* hija prevista b'mod espliċitu fl-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, li jiddikjara “[f]iċ-ċirkostanzi li jeħtieġu l-iskjerament ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti għal pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-*istatus* [...] mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat”.

Skont l-Artikolu 3(2) TFUE, l-Unjoni għandu *inter alia* jkollha kompetenza esklużiva għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu tkun prevista f'att leġislattiv tal-Unjoni. L-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 jipprevedi l-“konklużjoni ta' ftehim dwar l-*istatus* mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat”. Konsegwentement, il-ftehim meħmuż mar-Repubblika tal-Moldova jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, il-ftehim dwar l-*istatus* propost isegwi fil-biċċa l-kbira l-ftehim mudell adottat mill-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2021.

Il-kunsens tal-Parlament Ewropew għandu jkun meħtieġ qabel ma l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim dwar l-*istatus*: skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Parlament Ewropew irid jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal ftehimiet li jkopru oqsma li għalihom tapplika l-proċedura leġislattiva ordinarja. Ir-Regolament (UE) 2019/1896 ġie adottat skont il-proċedura leġislattiva ordinarja. F'każ ta' urġenza, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jiftiehem fuq limitu ta' żmien għall-approvazzjoni.

- **Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità**

*Il-ħtieġa għal approċċ komuni*

Ftehim dwar l-*istatus* jippermetti l-iskjerament fir-Repubblika tal-Moldova ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, bl-użu tal-possibiltajiet kollha offruti mir-Regolament (UE) 2019/1896. Mingħajr tali għodda, jistgħu jintużaw biss skjeramenti bilaterali mill-Istati Membri biex tiġi żviluppata u implimentata l-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u tiġi appoġġata l-Moldova fil-ġestjoni taż-żieda drammatika fir-refuġjati li qed ifittxu li jidħlu fit-territorju tagħha. Approċċ bilaterali bħal dan la jkun effiċjenti u lanqas xieraq.

Huwa meħtieġ approċċ komuni biex jiġu ġestiti aħjar il-fruntieri tal-Moldova u bħala sforz konġunt tal-Unjoni b'rispons għall-kunflitt armat li għaddej fl-Ukrajna.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Billi dan se jkun ftehim ġdid, ma setgħet titwettaq l-ebda evalwazzjoni jew kontroll tal-idoneità tal-istrumenti eżistenti. L-ebda valutazzjoni tal-impatt ma kienet meħtieġa għan-negozjati dwar il-ftehim dwar l-*istatus*.

- **Drittijiet fundamentali**

F'konformità mal-Premessa (88) tar-Regolament (UE) 2019/1896, il-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali rilevanti għall-oqsma koperti mill-ftehim dwar l-*istatus* fir-Repubblika tal-Moldova u tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

Il-ftehim fih miżuri prattiċi relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali u għandu jiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati bis-sħiħ matul l-attivitajiet organizzati fuq il-bażi tal-ftehim. Il-ftehim jipprevedi mekkaniżmu tal-ilmenti indipendenti u effettiv f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/1896 biex jimmonitorja u jiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha organizzati fuq il-bażi tal-ftehim.

Oqsma ta' tħassib ewlieni fir-rigward tal-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali fir-Repubblika tal-Moldova jinkludu r-rispett għad-drittijiet universali tal-bniedem, l-iżgurar tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-ħtieġa għal riformi leġislattivi relatati mal-aġenziji tal-ġustizzja u tal-infurzar tal-liġi, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni<sup>8</sup>. Dawn jeħtieġ li jitqiesu b'mod xieraq matul it-tnejn ta' kwalunkwe operazzjoni bi sħab jew azzjoni ta' skjerament.

- **Protezzjoni tad-data**

Id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-*istatus* relatati mat-trasferiment tad-*data* ma jvarjawx sostanzjalment mill-mudell tal-ftehim dwar l-*istatus*. Għalhekk, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ma għandux għalfejn jiġi kkonsultat.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-ftehim dwar l-*istatus* fih innifsu ma għandux implikazzjonijiet finanzjarji. L-iskjerament attwali ta' timijiet ta' gwardji tal-fruntieri fuq il-bażi ta' pjan operazzjonali jinvolvi spejjeż imġarrba mill-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. L-

---

<sup>8</sup> Rakkomandazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni, Anness ta' COM(2022) 69 final, p. 10.

operazzjonijiet futuri bil-ftehim dwar l-*istatus* jiġu ffinanzjati permezz tar-riżorsi proprji tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntieri u tal-Kosta.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta diġà tiffirma parti mill-baġit tal-Unjoni kif ibbażat fuq id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva li takkumpanja l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1896. Għall-perjodu 2021-2027, kontribuzzjoni totali tal-Unjoni ta' EUR 6 320 miljun hija pprovduta skont il-ftehim tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Dawn l-ammonti jiġu kkomplementati mill-kontribuzzjoni korrispondenti tal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen.

## **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-  
evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni tiżgura l-monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-*istatus*.

Ir-Repubblika tal-Moldova u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandhom jevalwaw kull operazzjoni konġunta jew intervent rapidu fil-fruntiera.

B'mod partikolari, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-Moldova u l-Istati Membri li jipparteċipaw għal azzjoni speċifika għandhom ifasslu rapport fi tmiem kull azzjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim, inkluż dwar l-ipproċessar ta' *data* personali.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'ċirkostanzi li jeħtieġu l-iskjerament ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta lejn pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896<sup>9</sup> jitlob li jiġi konkluż ftehim dwar l-*istatus* mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat fuq il-bażi tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- (2) Fl-14 ta' Marzu 2022, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati mar-Repubblika tal-Moldova għal ftehim dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Moldova (il-“Ftehim”).
- (3) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess permezz tal-inizjalar tal-Ftehim.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi fi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE<sup>10</sup>; għalhekk, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka<sup>11</sup>, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex se timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

<sup>10</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20-23).

<sup>11</sup> Il-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 299-303.



- (6) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard. Id-dikjarazzjoni mehmuża mal-ftehim għandha tiġi approvata f'isem l-Unjoni.
- (7) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-possibbiltà ta' skjerament urġenti tal-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova biex jassisti fl-influss ta' persuni wara l-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju mal-iffirmar tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Moldova (il-“Ftehim”), huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*L-Artikolu 2*

Id-dikjarazzjoni mehmuża ma' din id-Deċiżjoni għandha tiġi approvata f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ biex jiġi ffirmat il-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna indikata/għall-persuni indikati mill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju, f'konformità mal-Artikolu 22(2) tal-Ftehim, mid-data tal-firma tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*